

# Id-99 Anniversarju
## mill-Konsagrazzjoni
## tal-Knisja Parrokkjali Ssma Trinità



Nhar it-Tlieta 19 ta' April, il-Komunità tal-Patrijiet Kapuċċini u l-parruċċani fakkru d-99 sena mindu l-Knisja Parrokkjali ġiet ikkonsagrata. Lura fl-1917, il-Parroċċa tas-Ssma Trinità fil-Marsa, li kienet ilha li twaqqfet erba' snin u dak iż-żmien kellha popolazzjoni ta' madwar 6,400 ruħ, kienet żviluppat ukoll bħala belt għaliha. Kien nhar id-19 ta' April ta' dik is-sena meta l-Isqof Mauro Caruana, waqt żjara pastorali, ikkonsagra l-Knisja Parrokkjali. Ħdejn knejjes parrokkjali oħra, il-Knisja tas-Ssma Trinità ma damitx wisq sabiex ġiet ikkonsagrata. Knejjes parrokkjali oħra damu ħafna iktar jistennew sakemm irċevew il-konsagrazzjoni. Sabiex knisja parrokkjali tkun ikkonsagrata trid tissodisfa żewġ kriterji: li ma jkunx hemm dejn fuqha u li jkollha n-nies regolarment jattendu għall-funzjonijiet tagħha. L-attività tad-19 ta' April li għadda fetħet ukoll iċ-ċentinarju mindu l-Knisja Parrokkjali tas-Ssma Trinità ġiet ikkonsagrata.

Għal din l-okkażjoni saret quddiesa speċjali mmexxija mill-Arċisqof Emeritus Mons. Pawlu Cremona u minbarra l-Provinċjal kien hemm ukoll preżenti l-Komunità tal-Patrijiet Kapuċċini li bħalissa qed isservi fil-Parroċċa. Fl-omelija, l-Arċisqof Cremona żvolga fuq il-fatt li Alla m'għandux bżonn tempji għax l-univers li ħoloq huwa kollu kemm hu Tiegħu, imma l-knejjes iservu sabiex ifakkruna li hemm post ikkonsagrat li jfakkarna f'Alla. San Pawl jgħidilna li kieku jkun hawn dawn it-tempji kollha u ma jkunx hemm Ġesù Kristu li huwa l-pedament, allura dawn ma jservu ta' xejn. Għalhekk, kompla jgħidilna l-Arċisqof, kull meta niftakru fil-konsagrazzjoni ma rridux niftakru fil-ġebel u l-bini imma f'Ġesù. Mingħajr il-preżenza ta' Ġesù, il-knisja ssir mużew u ma sservix l-għan tagħha. U Ġesù, fl-Evanġelju li nqara, jgħidilna li f'dan it-tempju aħna niġu biex induqu l-kalċi. Hu ma jridx li jkun hemm il-preżenza Tiegħu biss imma jridna niġu biex nisimgħu l-Kelma Tiegħu. Meta Hu kien fit-tempju tkellem dwaru bħala ragħaj u li aħna n-nagħaġ Tiegħu u jieħu ħsiebna.

"Aħna qed niċċelebraw żewġ affarijiet permezz ta' dan l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni," kompla jispjega l-Arċisqof Cremona. "L-ewwel waħda hi d-dedikazzjoni tal-knisja li tant għandna għażiża biex fiha nkunu nistgħu nitolbu, nirċievu l-Ewkaristija u nkunu komunità. Saru tant sagrifiċċji biex inbniet din il-knisja u dan juri li min bnieha kellu mħabba kbira lejn is-Ssma Trinità. Hu importanti li f'dan il-bini naraw il-preżenza tas-Ssma Trinità u nagħrfu l-privileġġ kbir li għandna Knisja u Parroċċa ddedikati lis-Ssma Trinità. Biex nifhmu dan il-privileġġ li għandna bħala Patruna lis-Ssma Trinità rridu nqisu li Alla ried jurina Lilu nnifsu bħala t-Trinità Qaddisa, bħala misteru. Seta' kieku ried ma jgħidilna xejn imma bħala mħabba Fih innifsu wriena min Hu. Dan seħħ permezz ta' xi każijiet li nsibu fil-Bibbja, fosthom proprju meta l-Iben ta' Alla sar bniedem. Hemmhekk Alla qies li konna lesti li nilqgħu din ir-rivelazzjoni, dan il-misteru, ġo qalbna u nagħtuh ġieħ.

L-Arċisqof Cremona spjega wkoll li, "Qabel ma ġie Kristu ma konniex nafu bit-Trinità Qaddisa. Kien Ġesù stess li tana r-rivelazzjoni Tiegħu għax kull meta ppreżenta ruħu għamel dan bħala t-Trinità Qaddisa, anki fl-istess konċepiment Tiegħu, għax meta l-Arkanġlu Gabrijel deher lill-Madonna qalilha li hu ntbagħat mill-Missier u li Ġesù kien se jitwieled b'opra tal-Ispirtu s-Santu. L-istess meta tgħammed instema' leħen il-Missier u niżel l-Ispirtu s-Santu bħala ħamiema. Fuq il-Muntanja Tabor, fit-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù deher ukoll il-Missier u kien hemm ukoll sħaba li l-Papa San Ġwanni Pawlu II jgħidilna li kienet manifestazzjoni oħra tal-Ispirtu s-Santu."

L-Arċisqof Cremona saħaq li għandna wkoll nagħtu kas mhux biss ta' Ġesù imma wkoll tal-Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu bħala ż-żewġ Persuni l-oħra tas-Ssma Trinità. Imma fl-istess waqt irridu nqisu wkoll li, minbarra li l-Ewkaristija hija l-qofol tal-quddiesa, aħna rridu nħarsu wkoll lejn Ġesù bħala t-triq għall-ħajja dejjiema mas-Ssma Trinità. Dan jista' jsir biss billi nsegwu fedelment l-Evanġelju u t-tagħlim ta' Ġesù. Dan irridu nagħmluh billi nafdaw ukoll fl-Ispirtu s-Santu li jagħtina l-qawwa u d-doni kollha li għandna bżonn sabiex, bħalma ġara mal-Appostli, aħna nkunu nistgħu nsegwu t-tagħlim tal-Evanġelju u nwettqu l-missjoni tagħna bħala Nsara.